**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 198/2018 RM**

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta` estera Sun Alliance London Insurance plc**

**Vs**

**Mario Borg**

**Illum 22 ta' Mejju, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Elmo Insurance Limited [C-3500] gia` Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta` estera Sun Alliance London Insurance plc, liema socjeta` giet debitament rapprezentata ghall-fini ta' dan ir-Rikors mill-mandatarja specjali taghha l-Avukat Dr. Alessia Zammit McKeon [I.D 550283M].

Rat illi fir-Rikors taghha pprezentat nhar is-27 ta' Awwissu 2018 is-socjeta` rikorrenti ppremettiet u kkonfermat bil-gurament is-segwenti:-

1. *Illi b'sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-29 ta' April 2002 fl-ismijiet premessi mis-socjeta' attrici giet kanonizzata kreditrici versu l-konvenut Mario Borg (Dok. A).*

2. *Illi l-konvenut Mario Borg ghandu prezentement ihallas lis-socjeta' attrici kredituri s-somma komplessiva ta' €1,946.30, in kwantu ghal €651,25 rap-prezentanti s-sorte, €895.83 rapprezentanti l-imghax legali dekoribbli mill-21 ta' Gunju 2001 sas-27 ta' Awissu 2018; €182.86 bhala spejjez skond id-dispozittiv tas-sentenza sovra mezjonata (inkluz il-vat) (Dok. B) kif ukoll €216.36 bhala spejjez tal-mandat ta' qbid tal-14 ta' Jannar 2003 (Mandat ta' Qbid Numru 86/2003) (Dok.C)*

3. *Illi ghalkemm ghaddew ghaxar (10) snin mid-data tal-pronuzjament tas-socjeta' attrici ghad ghandha interess tezegwixxi l-imsemmija decizjoni stante li l-kovenut debitur ghadu ma hallasx il-fuq imsemmi kreditu;*

4. *Illi, in ottempranza ma' dak sancit fl-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Or-ganizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avv. Alessia Zammit McKeon bhala mandatarja specjali tas-socjeta' attrici kreditrici Elmo Insurance Limited, ghall-fini ta' dan l-att, qieghda tikkon-ferma bil-gurament taghha l-kontenut u l-veracita' ta' dak sovra premess.*

5. *Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tawtorizzha tezegwixxi s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet "Elmo Insurance Agency Limited noe vs Mario Borg" ( Avviz Numru 1071/2001 PM) deciza fid-29 ta' April 2002 ai termini tal-Artikolu 258 et seq tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan skond l-ordnijiet, provvedimenti u/jew direttivi li dan l-istess Onorabbli Qorti jidhirlha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.*

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Awwissu 2018 fejn *inter alia* appuntat ir-Rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2018 u ordnat illi tigi esebita kopja legali tas-sentenza tad-29 ta' Awwissu 2002;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat bir-Rikors promotur permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12, baqa' ma pprezentax risposta entro t-terminu lilu koncess;

Ikkunsidrat;

Illi din hija talba maghmula a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv ottjenut bis-sahha ta' sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fid-29 ta' April 2002. Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:-

"*Wara -*
…
*(b) l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv im-semmi fil-paragrafi (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta'ġie esegwit;*
…
*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament, ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*"

Illi mill-atti jirrizulta illi s-sentenza li l-ezekuzzjoni taghha qed tintalab li tigi awtorizzata nghatat mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar u illi fid-data tal-prezentata tar-Rikors odjern, ghaddew effettivament iktar minn ghaxar snin mid-data ta' din is-sentenza. Jirrizulta wkoll illi l-intimat ghalkemm gie debitament notifikat naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu lilu moghti u lanqas deher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba tas-socjeta` rikorrent.

Ma hemm l-ebda dubju lanqas illi r-rekwiziti kollha tal-imsemmi Artikolu 258 gew osservati u l-Qorti hija sodisfatta wkoll illi l-ammonti indikati mis-socjeta` rikorrent in linea ta' sorte, imghax u spejjez huma gustifikati in bazi ghad-dokumentazzjoni minnha esebita, u ghadhom sal-lum dovuti lill-istess socjeta` rikorrenti kif del resto gie konfermat minnha bil-gurament.

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif dedotti fir-Rikors promotur u tawtorizzaha illi tmexxi ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija fid-29 ta' April 2002 mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet Elmo Insurance Agency Limited noe vs Mario Borg, bl-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat.**